**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 176/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Eman Hayman)**

**Vs**

**Lorenza Muscat**

**Josloann Muscat**

Illum it-30 ta' Settembru 2020

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Lorenza Muscat u Josloann Muscat, detenturi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 263870(M) u 14105(L) rispettivament, akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli nhar il-25 ta' Jannar, 2019, ghall-habta tat-15:00 PM, gewwa c-Centru tas-Sahha ta' Bormla, Triq l-Iljun, Bormla:

1. Hebbew ghal Maria Elena Pawley sabiex jingurjawha, jdejquha jew jaghmlulha hsara b'xi mod;
2. Insulentaw, heddew jew ingurjaw bi kliem jew b'mod iehor lil Maria Elena Pawley;
3. Volontarjament kisru l-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Gunju, 2019, fejn il-Qorti, wara li rat Artikoli 338(dd),

339(1)(d) u 339(1)(e) tal-Kodici Kriminali ddikjarat lil Lorenza Muscat u lil Josloann Muscat hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront taghhom u kkundannat lil Lorenza Muscat ghall-hlas ta' mitt ewro (€100) ammenda u lil Josloann Muscat ghal twiddiba u canfira.

In oltre, l-Qorti harget Ordni ta' Protezzjoni favur Dr. Maria Elena Pawley bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment u li jifforma parti ntegrali mis-sentenza.

Il-Qorti spjegat fi kliem car lill-hatja r-responsabbilita' taghhom ai termini ta' din is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Lorenza Muscat u Josloann Muscat, pprezentat fil-25 ta' Gunju, 2019, fejn talbu lil din l-Qorti tvarja s-sentenza moghtija fil-konfront taghhom fir-rigward tal-piena li giet inflitta lilhom.

Rat l-aggravji imqanqla mill-appellanti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-aggravju mressaq huwa limitat għall-piena mposta fil-konfront tal-appellanti meta jsostnu illi fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz l-Ewwel Qorti kellha tkun aktar miti meta giet biex teroga l-piena. Dan ghaliex jishqu illi huma kkomettew ir-reati kontravvenzjonali lilhom addebitati fil-konfront tal-kwerelanti meta din bhala tabiba fic-Centru tas-Sahha ta' Bormla kienet ser tirraporthom lil Agenzija Appogg u dan wara li ezaminat lil minuri u cioe' lill-appellanti Josloann Muscat.

Illi din il-Qorti tistqarr illi ghalkemm l-aggravju tal-appellanti huwa marbut unikament mal-piena, kif inghad, madanakollu l-ilmenti minnhom imressqa

huma iktar iffokati fuq il-mertu tal-kaz u dan meta jibqghu jichdu illi ikkomettew ir-reati lilhom addebitati. Dan ifisser ghalhekk illi ma jindikawx fejn din il-piena kienet wahda ngusta jew eccessiva fil-konfront taghhom.

Fil-fatt minn qari tas-sentenza impunjata jirrizulta illi l-appellanti Lorenza Muscat ġiet ikkundannata ghal ħlas ta' ammenda ta' €100 filwaqt li Josloann Muscat weħlet ċanfira u twiddiba. L-Ewwel Qorti ordnat ukoll il-ħruġ tal-ordni ta' protezzjoni skond id-dettami tal-artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali favur Dr. Maria Elena Pawley għall-perijodu ta' seba' snin mid-data tas-sentenza.

Illi din il-Qorti tistqarr minnufih illi l-piena eroagat tal-ammenda fil-konfront ta' Lorenza Muscat u dik tat-twiddiba u ċanfira fil-konfront tal-minuri Josloann Muscat hija wahda piuttost miti li tohloq bilanc bejn il-protezzjoni tal-vittma u l-hlas li l-hatja rridu jaghmlu ghal ghemil kriminuz taghhom. Dan qed jinghad aktar u aktar fid-dawl tal-fatt illi l-kwerelanti spiccat vittma ta theddid u insulti filwaqt li kienet qed taqdi id-dmirijiet taghha bhala tabiba, reati li gew in oltre kommessi f'Centru tas-Sahha. Illi allura ghal dawn il-motivi l-Qorti hija tal-fehma li ma ghandhiex tvarja id-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti meta din giet biex teroga l-piena fil-konfront tal-appellanti.

Jinghad biss illi l-Ewwel Qorti errat meta ghaddiet biex tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali u ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tal-appellanti. Dan ghaliex, kif diversi drabi ribadit minn din il-Qorti, tali Ordni tista' tinhareg biss fil-konfront ta' persuna "akkuzata" u mhux ukoll kontra l-persuna misjuba "hatja" u dan fit-termini ta'l-istess disposizzjoni tal-ligi. Illi l-Qorti ghandha s-setgha biss illi mad-decizjoni finali taghha tordna il-hrug ta' Ordni ta' Trazzin fit-termini tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk din l-Ordni necessarjament ser tigi revokata.

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċieda billi tilqa' l-appell *in parte* , tghaddi ghalhekk biex tikkonferma s-sentenza appellata fejn din sabet lill-

appellanti hatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom u fejn l-appellanti Lorenza Muscat giet kkundannata ammenda ta' €100 u l-appellanti Josloann Muscat giet ikkundannata ghal twiddiba u ċanfira izda tirrevokaha fejn gie ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni fit-termini tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur